05.06.2006

**IMNEDIJA F'MALTA L-KAMPANJA TA' L-UE DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA**

*You Control Climate Change* hu t-titlu ta' kampanja gdida li l-Kummissjoni Ewropea niedet hawn Malta llum biex tqajjem kuxjenza dwar it-tibdil fil-klima. Dil-kampanja li se tkun ghaddejja fil-25 pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropea toffri sfida lill-individwi biex jaghmlu bidliet zghar fil-hajja ta' rutina ta' kuljum biex b'hekk jonqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-*greenhouse gasses.*

It-tnedija tal-kampanja li ghaliha attendew il-Kap tar-Rapprezentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, Dr Joanna Drake u l-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, George Pullicino, saret fil-Valletta Waterfront. Iktar minn mitt tifel u tifla minn skejjel primarji differenti kienu prezenti wkoll u hadu parti fi prezentazzjoni animata - fuq dak li jikkaguna t-tibdil fil-klima u l-konsegwnezi tieghu - li tmexxiet mill-prezentatrici maghrufa tat-televizjoni Marie Briguglio.

Bhall-pajjizi ohra fl-UE, il-kampanja f'Malta kienet imnedija b'bandiera kbira li turi d-dinja fl-univers, b'termometru mwahhal maghha jkejjel it-temperatura dejjem qed toghla. *"You Control Climate Change,"* jaqra t-titlu. *Turn down. Switch off. Recycle. Walk."*

Thabbar illum ukoll li t-tieni fazi tal-kampanja se ssir fil-bidu tal-Harifa meta t-tfal ta' l-Iskola Sekondarja se jaghmlu weghda li jiehdu passi prattici biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-*Carbon Dioxide* ($CO_2$) billi jaghmlu bidliet zghar fil-hajja taghhom ta' kuljum. Iktar minn 300 tifel u tifla mistennija jiehdu sehem f'din il-kampanja. Numru ta' programmi qosra dwar it-tibdil fil-klima mistennija jigu trasmessi fuq wiehed mill-istazzjonijiet lokali tat-televizjoni.

Apparti li taghti lin-nies sens ta' responsabbilita' u s-setgha u l-ghajnuna biex biex jikkontribwixxu fil-glieda kontra t-tibdil fil-klima l-kampanja tinkludi wkoll it-tnedija ta' websajt gdida http://www.climatechange.eu.com, li toffri miniera ta' ideat prattici dwar kif tnaqqas l-emissjonijiet.

Id-djar fl-EU huma responsabbli ghal madwar 16 fil-mija mit-total ta' emissjonijiet ta' *greenhouse gasses* fl-UE, hafna minnhom jigu mill-produzzjoni u l-uzu ta' l-energija. Meta kien qed jitkellem waqt lit-tnedija tal-kampanja fi Brussel, il-President tal-Kummissjoni José Manuel Barosso, qal***:*** "Ghall-kummissjoni azzjoni kontra t-tibdil fil-klima hi prijorita'. Din il-kampanja tikkumplimenta u shahhah l-isforzi politici u legislattivi taghna. Hi taghmilha cara safejn ilkoll ahna responsabbli ghall-bidla fil-klima u x'jistghu u x'jehtiegu jaghmlu l-individwi biex jillimitaw din it-theddida."

*Tkompli fuq pagna 2/…*

05.06.2006

**IMNEDIJA F'MALTA L-KAMPANJA TA' L-UE DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA / 2**

Il-Kummissarju ta' l-Ambjent Stavros Dimas qal: "In-nies ghandhom mnejn jghidu li l-imgieba individwali taghhom mhix importanti; Jien nghid – ghall-kuntrarju: Id-djar fl-UE huma responsabbli ghall-parti kbira ta’ l-emissjonijiet tal-*greenhouse gasses*, ghalhekk kull wiehed minna ghandu rwol x'jilghab biex inaqqas dawn l-emissjonijiet. Il-kampanja taghna se tipprovdi lic-cittadin b'taghrif dwar it-tibdil fil-klima u r-rwol taghhom biex jikkumbattuha. Li taghmel dak li hu tajjeb mhux difficli daqs kemm jidher.”

Fost il-pariri prattici inkluzi fil-kampanja fuq il-websajt hemm li tevita li *stand-by mode* tas-settijiet tat-tv, stereos u komputers, b'hekk jigu ffrankati 10 fil-mija ta' l-energija li dawn juzaw, u li tistampa fuq iz-zewg nahat tal-karti. Il-websajt tinkludi wkoll *carbon calculator* li jikkalkula l-amont ta' carbon dioxide ($CO_2$) salvat ma' kull azzjoni, u *screen saver* li jista' jitnizzel fuq il-komputers li jiffranka l-energija. Fix-xhur li gejjin il-kampanja se tkun immirata wkoll lejn l-iskejjel sekondarji tas-subien, li se jkunu mhegga jiffirmaw weghda li jnaqqsu l-emissjoni $CO_2$ u li jsegwu l-isforzi taghhom.

Kull ras kull sena, kull cittadin ta' l-EU hu responsabbli ghal 11-il tunnellata ta' emissjonijiet ta’ *greenhouse gasses*, il-maggoranza taghhom $CO_2$. Hafna minn dawn jigu mill-produzzjoni u l-uzu ta' l-energija (61%) segwiti mit-trasport (21%), li t-tnejn li huma juzaw il-*fossil fuels* tal-fossili (faham, zejt u gass) li johorgu l-emissjonijiet $CO_2$ meta jkunu mahruqa.

Id-djar juzaw kwazi terz ta’ l-energija li tipproduci l-UE, u l-karozzi privati huma responsabbli ghal kwazi nofs l-emissjonijiet tat-trasport, ghalhekk l-individwi ghandhom influwenza diretta fuq dawn l-emissjonijiet. Imma huma jistghu jghinu wkoll biex inaqqsu l-emissjonijiet minn setturi ohra fosthom l-industrija billi jnaqqsu l-hela u jaghmlu cert li l-iskart ikun riciklat.  Per ezempju tiswa ghaxar darbiet inqas energija biex tirricikla landa ta' l-aluminjum milli tipproduci wahda gdida. Fl-ahhar izda mhux l-inqas, ic-cittandini jistghu jinsistu ghat-tibdil strutturali mehtieg biex nakkwistaw socjeta' li tuza inqas faham, per ezempju, b’zieda fl-uzu ta' sorsi ta' l-energija rinovabbli.

“Ghall-Kummissjoni Ewropea, azzjoni kontra t-tibdil fil-klima hi prijorita'. It-tibdil fil-klima hu ta' theddida serja ghall-istabbilita' u l-prosperita' tas-socjetajiet taghna. Matul l-ahhar seklu, it-temperatura medja zdiedet b'0.6ºC globalment, u kwazi b'1ºC fl-Ewropa. L-*Ice Caps* qed idubu, il-livelli tal-bahar qed joghlew, u t-temp qed isir iktar instabbli, b'konsegwenzi iktar serji mistennija li se jilhquna fl-ghexieren ta' snin li gejjin. Hafna min-nies ghandhom tendenza li jhossuhom bla sahha meta ffaccati minn din it-theddia. Jew inkella jahsbu li l-azzjonijiet taghhom ma jaghmlux differenza, ma jafux li d-djar u l-karozzi privati huma direttament responsabbli ghal iktar minn 25 fil-mija ta' l-emissjonijiet ta’ *greenhouse gasses* fl-UE. B'din il-kampanja, ahna rridu nimmotivaw lill-individwi ma' l-Ewropa kollha biex jinghaqdu flimkien fil-glieda kontra t-tibdil fil-klima, u nuru li l-kontribuzzjonijiet taghhom huma krucjali u importanti,” qalet Dr Drake.

Prezenti wkoll ghat-tnedija ta’ din il-kampanja kien hemm numru ta’ Ambaxxaturi minn pajjizi ta’ l-Unjoni Ewropea, is-Sindku tal-Belt Valletta, politici, u rapprezentanti ta’ l-organizzazzjonijiet ambjentali ewlenin f’Malta.